

# Ċ 5.1 NIĊĊELEBRAW

**Ċ5.1.5.**
Nesploraw l-importanza li niċċelebraw flimkien bħala nazzjon.

## A. X'inhu Nazzjon?

Nazzjon huwa aħna lkoll flimkien, bħala poplu Malti. Il-gżejjer Maltin, li huma Malta, Għawdex, Kummuna u l-Gżejjer ta' San Pawl jiffurmaw in-Nazzjon Malti. Il-poplu Malti jingħaqad u jiċċelebra flimkien il-festi nazzjonali, bħala poplu magħqud. Meta niċċelebraw festa nazzjonali bosta nies ma jaħdmux u t-tfal ma jkollhomx skola. Inħarsu flimkien lejn xi tifkiriet ta' ġrajjiet importanti fl-istorja ta" pajjiżna.

**Il-Vitorja - Otto Settembre (8 ta' Settembru):**



Għalkemm hija festa reliġjuża, hija festa nazzjonali għax niċċelebraw r-rebħa tal-Maltin, flimkien mal-kavallieri, fuq it-Tork fl-Assedju l-Kbir. Il-monument tal-Assedju l-Kbir jinsab il-Belt Valletta quddiem il-Qorti.

**A. Naraw flimkien il-video fuq l-Otto Settembre:**

http://youtu.be/sIFrzN3370Y

**B. Issa li rajt il-video, aqra dawn u aqta' sing taħt ir-risposta t-tajba.**

1. It-8 ta' Settembru hija
   a) waħda mill-ħames festi nazzjonali tagħna l-Maltin.
   b) il-festa ta' Santa Marija.
   ċ) il-festa tal-Indipendenza.

2. L- '**Otto Settembre'** tfisser
   a) l-ewwel ta' Settembru.
   b) it-8 ta' Settembru.
   ċ) jum il-gwerer.

3. Il-monument tal-Otto Settembre għamlu l-iskultur Malti
   a) Dun Karm Psaila.
   b) Ġlormu Cassar.
   ċ) Antonio Sciortino.

4. Fl-Otto Settembre nfakkru
   a) għeluq snin Malta u Għawdex.
   b) l-ħelsien ta' Malta u Għawdex.
   ċ) r-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin fuq it-Torok fl-1565 u t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija.

5. Il-monument tal-Otto Settembre nistgħu narawh
   a) fil-Birgu.
   b) fil-Marsa.
   ċ) fil-Belt Valletta.

6. Meta nkixef il-monument tal-Otto Settembre saru diskorsi
   a) bil-Malti biss.
   b) bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan.
   ċ) bil-Malti u l-Franċiż.

7. Il-monument tal-Otto Settembre fih
   a) erba' figuri.
   b) żewġ figuri u xabla.
   ċ) tliet figuri.

8. Il-figura tan-nofs tal-monument tirrappreżenta
   a) lill-poplu Malti u Għawdxi.
   b) lill-Papa.
   ċ) lill-irġiel Maltin.

9. Il-monument qiegħed fil-pjazza ta' quddiem
   a) il-Berġa ta' Kastilja.
   b) il-Palazz tal-President.
   ċ) il-Qrati tal-Ġustizzja Maltin.

10. L-Otto Settembre hija magħaruf wkoll bħala
   a) Jum il-Vitorja.
   b) Jum l-Indipendenza.
   ċ) Jum ir-Repubblika.

## Ċ. Aqra, imbagħad wieġeb.

1. Fit-8 ta' Settembru ta' kull sena, il-poplu Malti jfakkar żewġ ġrajjiet importanti fl-Istorja ta' Malta. Dawn huma r-Rebħa tal-Assedju l-Kbir (1565) u t-Tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija (1943).



*Jean De Valette*



2. F'Mejju tal-1565 meta l-Gżejjer Maltin kienu mmexxija mill-Kavallieri ta' San Ġwann, it-Torok attakkaw lill-Gżejjer Maltin. It-Torok kellhom 180 xini u 40,000 suldat. Il-Kavallieri u l-Maltin kienu mmexxija mill-Gran Mastru Jean De Valette; b'kollox kien hawn madwar

9,000 ruħ biex jirreżistu lit-Torok. It-Torok rebħu l-Fortizza ta' Sant' Iermu imma l-Birgu u l-Isla żammew sod.

3. Fis-7 ta' Settembru 1565, waslet l-għajnuna minn Sqallija u t-Torok telqu telliefa minn Malta. B'tifkira ta' din ir-rebħa kbira, il-Birgu beda jissejjaħ *Città Vittoriosa* li tfisser 'Belt Rebbieħa'.




*Il-Monument tal-Vitorja – Birgu*

4. Fil-Birgu u fil-Belt Valletta hemm monumenti b'tifkira ta' dan l-avveniment.

5. Għaddew iktar minn 300 sena. Malta issa kienet maħkuma mill-Ingilterra. Fl-10 ta' Ġunju 1940, l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra u b'hekk Malta sabet ruħha wiċċ imb'wiċċ mal-għedewwa tagħha. Kienu se jibdew tliet snin ta' tbatija kbira għall-poplu Malti.



*It-Teatru Rjal imwaqqa'*

6. L-għada 11 ta' Ġunju 1940, ġew l-ewwel ajruplani Taljani biex jattakkaw lil Malta. Ma kienx l-ewwel u l-aħħar attakk. Mal-ajruplani Taljani bdew jingħaqdu l-ajruplani Ġermaniżi. Eluf ta' nies li kienu joqogħdu qrib il-Port il-Kbir kellhom iħallu djarhom; marru joqogħdu f'inħawi oħra ta' Malta.

7. In-nies li issa kienu jorqdu fix-xelters batew il-ġuħ billi ma bdewx jaslu l-vapuri (konvojs) bl-ikel. F'Awwissu tal-1942, meta konna se nċedu minħabba li ma kienx fadal ikel, wasal il-Konvoj ta' Santa Marija fil-15tá Awwissu 1942.

8. Bħala rikonoxximent għal din il-qlubija kbira, ir-Re Ġorġ VI tal-Ingilterra, nhar il-15 t'April, 1942 ta l-medalja *George Cross* lill-Gżejjer Maltin.

9. Kull sena, fit-8 ta' Settembru, issir ir-Regatta tad-Dgħajjes fil-Port il-Kbir u jsiru wkoll ċerimonji tat-tifkira taż-żewġ assedji fil-Birgu u fil-Belt Valletta.



*Silta adattata minn kitba ta' Winston L Zammit*

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Xi nfakkru kull sena fit-8 ta' Settembru?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Min attakka l-Gżejjer Maltin bejn Mejju u Settembru 1565?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Min kien il-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann f'dak iż-żmien?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Semmi żewġt ibliet Maltin li ġew attakkati fl-Assedju l-Kbir.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

5. Fl-ewwel stampa tidher statwa tal-Gran Mastru De Valette. Fejn nistgħu narawha din l-istatwa?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

6. Fit-tieni stampa jidher il-monument tal-Vitorja li hemm il-Birgu. Fejn nistgħu naraw il-monument l-ieħor magħruf bħala l-'*Monument tal-Otto Settembre*?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

7. Semmi l-iskultur famuż Malti li ħadem dan il-monument tal-Otto Settembre.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

8. X'ġara fl-10 ta' Ġunju 1940?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

9. Fit-tielet stampa jidher it-Teatru Rjal wara li ntlaqat mill-bombi. Ikteb ħsieb li jiġik f'moħħok meta tara ritratt bħal dan.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

10. Fir-raba' u l-aħħar stampa tidher tiġrija tad-dgħajjes. Kif inhi magħrufa din it-tiġrija?

______________________________________________

______________________________________________

11. Meta ssir din it-tiġrija?

______________________________________________

______________________________________________

12. Fejn issir?

______________________________________________

______________________________________________